**Tal-ġarha sabiħ**

Malajr taħrab il-kelma
“Kemm int ta’ ħila kbira!”
Tal-barrani jingħoġob
U ta’ ġewwa jsir ftira.

Imma kemm inti tiflaħ
Tkun bla moħħ, tispara l-kliem,
Għamejt fuq kliem ilellex
Mhux ta’ b’xejn li m’intx fis-sliem.

Għax meta tiċħad b’qawwa
‘l bin ommok tagħmlu żorba,
Tkun xlejt lilek innifsek
Inftajt fl-agħar forka.

Kun għaqli u għaqlija
Ħu distanza minn kull ġdid,
Dan hu għaqal, qdusija
F’għeruqek il-fidwa ssib.

Għax tal-ġarha jispiċċa
Dak mhux għajr naqra tlellix,
Meta jgħaddilu l-moda
Fih iserdaq it-tikmix.

X’ħila hemm li titkellem?
Tiftaħar quddiem kulħadd?
X’qawwa hemm f’tiżjin moħli
Ta’ kliem vojt li bih imraddt?

Le, irrid biss is-sewwa
Naħrab mill-pubbliċità,
Min hu tajjeb jaf jiskot
Jitkellem bil-karità.

Ma jieħux l-okkażjoni
Ħa jbiegħ il-prodott tiegħu,
Dak li jemmen joħorġu
Fl-għemejjel li hemm miegħu.

Għalhekk issa nitolbok
Lil ta’ ġewwa qatt tbarrih,
Tal-ġarha dlonk jitilqek
Avolja jidher sabiħ.

Patri Mario Attard OFM Cap
7 ta’ Marzu 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.